

Brussell, 21 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15737/23

COLAC 152

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerka Latina u l-Karibew

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerka Latina u l-Karibew, kif approvati mill-Kunsill fit-3985 laqgħa tiegħu li saret fil-21 ta' Novembru 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerka Latina u l-Karibew

1. Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u modernizzata bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Amerka Latina u l-Karibew (ALK) hija importanti aktar minn qatt qabel. Billi jingħaqdu flimkien, l-UE u l-ALK jistgħu jagħmlu differenza sinifikanti biex jippromwovu t-tkabbir sostenibbli, il-bini ta' soċjetajiet ġusti u reżiljenti u l-avvanz tal-paċi u s-sigurtà, il-multilateraliżmu inklużiv u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli. Il-valuri kondiviżi, b'mod partikolari d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, iridu jibqgħu fil-qalba tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ALK. Flimkien, l-UE u l-ALK huma aktar b'saħħithom u f'pożizzjoni aħjar biex jindirizzaw id-diversi sfidi tad-dinja tal-lum, inkluż il-kriżijiet klimatiċi u ambjentali globali.
2. It-tielet Summit bejn l-UE u l-Komunità ta' Stati tal-Amerka Latina u tal-Karibew (CELAC) li sar fi Brussell fis-17 u t-18 ta' Lulju 2023 nieda mill-ġdid ir-relazzjoni bireġjonali fl-oġġla livell u afferma mill-ġdid is-sħubija unika bejn iż-żewġ reġjuni. Djalogu miftuħ, inklużiv u kostruttiv ippermetta liż-żewġ reġjuni jifhmu aħjar l-interessi, il-prijoritajiet u t-tħassib ta' xulxin. Huwa importanti li dan il-proċess ta' involviment aktar mill-qrib ikompli, inkluż permezz ta' aktar kuntatti u żjarat ta' livell għoli bejn l-UE u l-pajjiżi tal-ALK.
3. Is-Summit stabbilixxa aġenda komuni ambizzjuża u li tħares 'il quddiem li għandha tiġi implimentata fis-snin li ġejjin. Il-Kunsill ifaħħar il-momentum il-ġdid fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ALK u jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta "Aġenda Ġdida għar-Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerka Latina u l-Karibew" mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarjiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, inkluż il-prijoritajiet deskritti u l-azzjonijiet issuġġeriti.

4. Is-sħubija UE-ALK tislet is-saħħa tagħha mill-impenn fundamentali taż-żewġ reġjuni għall-finijiet u l-prinċipji kollha minqusa fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), inkluż il-prinċipji tas-sovranità u l-integrità territorjali, kif ukoll fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali. L-UE tafferma mill-ġdid l-importanza tal-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha, inkluż il-libertà tal-espressjoni u l-media, il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti. L-UE tafferma mill-ġdid ukoll il-ħtieġa li jissaħħu l-istat tad-dritt u d-demokrazija, inkluż elezzjonijiet ħielsa u ġusti, inklużivi, trasparenti u kredibbli u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. L-UE ser iżżomm djalogu mill-qrib mal-ALK dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji u tikkooopera bil-ħsieb li tippromwovi approċċ ibbażat fuq id-drittijiet, tindirizza l-inugwaljanzi, tippromwovi d-dritt għal ambjent nadif, san u sostenibbli, tipproteġi l-ispazju ċiviku u tiġġieled kull forma ta' diskriminazzjoni, inkluż abbażi ta' sess, razza, oriġini etnika jew soċjali, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, diżabbiltà, età, orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru.

5. L-UE ser tkompli bl-impenn tagħha mal-ALK fir-rigward tal-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż rigward ir-riperkussjonijiet tagħha li nħassu wkoll lil hinn ħafna mill-Ewropa. Fid-Dikjarazzjoni tas-Summit UE-CELAC, il-mexxejja miż-żewġ reġjuni esprimew tħassib serju dwar il-gwerra li għaddejja kontra l-Ukrajna, li qed tkompli tikkawża tbatija umana enormi u qed taggrava l-fraġilitajiet eżistenti fl-ekonomija globali, tillimita t-tkabbir, iżżid l-inflazzjoni, tfixxkel il-ktajjen tal-provvista, iżżid l-insigurtà tal-enerġija u tal-ikel u żżid ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja. Il-mexxejja esprimew ukoll appoġġ għall-isforzi mmirati lejn paċi ġusta u sostenibbli f'konformità mal-Karta tan-NU. L-UE ser tfittex l-appoġġ tal-pajjiżi tal-ALK għall-Formula tal-Paċi tal-Ukrajna, inkluż permezz ta' Summit Globali dwar il-Paċi fil-futur qrib, ir-responsabbiltà għad-delitti tal-gwerra, id-delitti ta' aggressjoni u delitti oħra l-aktar serji mwettqa matul il-gwerra kif ukoll għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni tar-Russja.

6. Sħubija b'saħħitha bejn l-UE u l-ALK teħtieġ impenn politiku mġedded fil-livelli kollha kif ukoll f'fora multilaterali. Fil-livell bireġjonali, l-UE ser tkompli ssaħħaħ djalogu inklużiv u kooperazzjoni mas-CELAC billi torganizza Summits kull sentejn, dak li jmiss fil-Kolombja fl-2025, u laqgħat regolari tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin. Il-Kunsill jilqa' l-pjan direzzjonali bireġjonali 2023-2025 ippreżentat fis-Summit UE-CELAC u jistenna b'interess l-implimentazzjoni tiegħu. Il-Kunsill iħeġġeġ li tiġi stabbilita fil-pront l-istanza ta' koordinazzjoni konsultattiva maqbula biex jiġu avvanzati l-impenji kondiviżi.

7. Wara l-laqgħa tal-Mexxejja UE-Karibew li saret fi Brussell fis-17 ta' Lulju 2023, l-UE ser tkompli timpenja ruħha mal-Karibew bħala sottoreġjun distint bl-ispeċifitàtiet tiegħu stess. Laqgħa Ministerjali UE-Karibew fl-2024 ser tgħin biex tissaħħaħ l-aġenda komuni li tinkludi l-kooperazzjoni dwar it-tibdil fil-klima, il-mitigazzjoni tad-deforestazzjoni, il-protezzjoni tal-bijodiversità, ir-riforma tas-sistema finanzjarja internazzjonali, l-involviment tas-settur privat speċjalment permezz tal-Aġenda ta' Investiment tal-Global Gateway UE-ALK, l-inklużjoni soċjali, l-iżvilupp tal-bniedem u l-isfidi tas-sigurtà. Ir-relazzjonijiet futuri ser jiġu segwiti fil-kuntest tal-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (UE-OSAKP) u l-protokoll reġjonali tal-Karibew tagħha. L-UE tafferma mill-ġdid il-ħtieġa li tingħata konsiderazzjoni dovuta lill-isfidi tal-iżvilupp sostenibbli tal-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw (SIDS) minħabba l-vulnerabbiltà partikolari tagħhom għat-tibdil fil-klima, inkluż iż-żieda fil-livell tal-baħar. Dan huwa enfasizzat ukoll fil-kuntest tat-tħejjija għar-Raba' Konferenza Internazzjonali dwar is-SIDS f'Antigua u Barbuda f'Mejju 2024. Ser ikompli wkoll it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-ALK u r-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, kif ukoll il-Pajjiżi u t-Territorji ekstra-Ewropej li jinsabu fir-reġjun tal-ALK.

8. L-UE ser tkompli tappoġġa inizzjattivi nazzjonali u internazzjonali mmirati lejn ir-restawr tal-kundizzjonijiet meħtieġa ta' governanza u sigurtà għall-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet ħielsa fil-Haiti, l-iżgurar ta' aċċess umanitarju għal popolazzjonijiet fil-bżonn ta' protezzjoni, u l-indirizzar tal-kriżi multidimensjonali li sejra għall-aġħar.

9. L-UE ser tkompli tinvolvi ruħha ma' raggruppamenti subreġjonali oħra, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fir-reġjun. L-UE hija impenjata li torganizza summits regolari mas-sħab strateġiċi l-Brażil u l-Messiku. Hija ser tkompli ssaħħa id-djalogi politiċi bilaterali u timpenja ruħha b'mod kostruttiv mal-pajjiżi fir-reġjun bi spirtu inklużiv, filwaqt li tirrikonoxxi wkoll ir-rwol vitali u l-kontributi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'dan ir-rigward. L-UE ser tkompli tappoġġa b'mod attiv soluzzjonijiet għall-paċi u d-demokrazija fir-reġjun, bħal fil-każ tal-proċess ta' paċi fil-Kolombja u n-negozjati mmexxija mill-Venezwela taħt il-proċess tal-Messiku.

10. Fil-livell multilaterali, l-UE u l-ALK huma sħab naturali u għandhom ikomplu jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom biex jindirizzaw l-isfidi reġjonali u globali. L-UE hija impenjata li taħdem mas-sħab tal-ALK għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha, kif ukoll fuq ir-riforma tal-governanza globali, inkluż l-arkitettura finanzjarja internazzjonali, biex issir aktar inklużiva u effettiva. L-impenn qawwi bejn l-UE u l-ALK fin-NU u skambji regolari bejn l-UE u s-Sistema Inter-Amerikana tad-Drittijiet tal-Bniedem għandhom jibqgħu għaddejjin. Għandha tissaħħa il-kooperazzjoni fil-kuntest tad-WTO, speċjalment fir-rigward tat-13-il Konferenza Ministerjali (MC13) li jmiss u l-proċess li għaddej tar-riforma tad-WTO.

11. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tat-tisħiħ u l-iżvilupp ta' aġenda soda għall-kummerċ u l-investiment bejn l-UE u l-ALK, ibbażata fuq network estensiv ta' ftehimiet bilaterali u reġjonali dwar il-kummerċ u l-assoċjazzjoni bejn iż-żewġ reġjuni. L-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehimiet eżistenti u r-ratifika tal-ftehimiet iffirmati u applikati bħalissa huma prijoritajiet importanti. Il-Kunsill jilqa' l-iffirmar imminenti tal-ftehim immodernizzat tal-UE maċ-Ċili, jistenna b'interess il-finalizzazzjoni rapida tal-ftehim immodernizzat mal-Messiku u jieħu nota tal-ħidma li għaddejja bejn l-UE u l-Mercosur.

12. Il-Kunsill jilqa' l-Aġenda ta' Investiment tal-Global Gateway UE-ALK (GGIA), li turi l-prijoritajiet komuni tal-UE u tal-ALK u hija mirfuda mill-ogħla standards ambjentali u soċjali, kif ukoll it-trasparenza, li jiddefinixxu l-mod kif isir in-negozju tal-Ewropa. Kif imtenni fl-ewwel laqgħa li qatt saret tal-Ministri tal-Ekonomija u l-Finanzi UE-CELAC, li saret f'Santiago de Compostela fil-15 ta' Settembru 2023, il-GGIA UE-LAC ser ikollha rwol kruċjali biex tgħin biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi fl-investiment fir-reġjun, bil-għan li jiġu mobilizzati kemm il-kapital privat kif ukoll il-finanzjament pubbliku mill-UE u l-Istati Membri tagħha, f'approċċ ta' Tim Ewropa. Dan ser jgħin ukoll biex tiġi avvanzata tranżizzjoni ġusta, ekoloġika u diġitali fiż-żewġ reġjuni billi jappoġġa l-ktajjen tal-valur lokali, it-tkabbir, l-iżvilupp tal-bniedem, ir-reżiljenza tas-saħħa u l-impjiegi deċenti filwaqt li jippromwovi l-kooperazzjoni dwar it-trasformazzjoni diġitali, l-edukazzjoni, l-ambjent tan-negozju soċjalment responsabbli, it-trasport, il-ktajjen tal-provvista sostenibbli, inkluż tal-materja prima kritika, l-effiċjenza fl-enerġija, teknoloġiji sikuri u sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-adattament għat-tibdil fil-klima, u l-ilma, fost l-oħrajn.

13. Filwaqt li jirrikonoxxi li l-kriżi planetarja tripla tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis, tirrikjedi sħubija msaħħa bejn l-UE u l-ALK dwar it-tranżizzjoni ekoloġika, il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' aktar djalogu, it-tisħiħ tal-oqfsa regolatorji, l-educazzjoni dwar il-klima, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-investimenti, fid-dawl tal-potenzjal sinifikanti għall-kooperazzjoni lejn ekonomiji newtrali għall-klima u dawk pożittivi għan-natura. L-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż billi tkun tista' tibqa' tintlaħaq il-mira ta' 1.5°C, kif ukoll il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal, il-Qafas Globali dwar is-Sustanzi Kimiċi, il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD), l-Aġenda ta' Azzjoni dwar l-Ilma tal-Konferenza tan-NU tal-2023 dwar l-Ilma u t-Trattat dwar l-Ibħra Internazzjonali, kif ukoll in-negozjati li għaddejjin dwar strument internazzjonali legalment vinkolanti dwar it-tniġġis tal-plastik, taħt il-presidenza tal-Perù u l-Ekwador, jibqgħu objettivi ewlenin kondiviżi. L-UE ser taħdem mas-sħab tal-ALK biex tistabbilixxi Wegħda Globali biex tittriplika l-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli u tirdoppja l-isforzi tal-effiċjenza fl-enerġija fil-livell globali sal-2030. Filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol ewlieni tal-foresta pluvjali tal-Amazunja u l-importanza tal-ġlieda kontra d-deforestazzjoni kemm fl-Amazunja kif ukoll f'artijiet imsagħġra oħra, il-Kunsill jilqa' d-Dikjarazzjoni ta' Belém adottata mill-Organizzazzjoni tat-Trattat ta' Kooperazzjoni tal-Amazunja (ACTO) f'Awwissu 2023 u jikkonferma mill-ġdid li huwa essenzjali li jkun hemm involviment mal-pajjiżi sħab biex jiġu indirizzati b'mod konġunt il-kawżi ewlenin tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, b'mod partikolari fil-kuntest tar-regolament tal-UE dwar il-ktajjen tal-provvista mingħajr deforestazzjoni. Il-Kunsill jinkoraġġixxi azzjonijiet u impenji għall-protezzjoni, il-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-oċeani fid-dawl tal-konferenza "L-Oċean Tagħna" f'Ateni f'April 2024, u t-tielet Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani ospitata mill-Costa Rica u Franza f'Nizza f'Ġunju 2025. L-UE tinsab lesta li taħdem mas-sħab tal-ALK biex taċċellera l-azzjonijiet għall-ilma nadif u s-sanità għal kulħadd, kif ukoll biex tippromwovi l-ġestjoni integrata tar-riżorsi tal-ilma. Konxja mir-responsabbiltà taż-żewġ kontinenti għas-sigurtà globali fit-tul tal-ikel, l-UE ser tikkoopera mal-ALK fit-tisħiħ tar-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-produzzjoni tal-ikel u ser tuża mekkaniżmi ta' djalogu u kooperazzjoni, inkluż fir-riċerka, fost l-oħrajn biex tippromwovi l-ġestjoni sostenibbli tal-fertilizzanti u l-pestiċidi u biex ittejjeb is-saħħa tal-ħamrija.

14. L-UE hija impenjata li taħdem mas-sħab tal-ALK biex tippromwovi mudell responsabbli ċċentrat fuq il-bniedem u bbażat fuq id-drittijiet ta' trasformazzjoni diġitali inklużiva li jissalvagwardja l-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza bħala drittijiet fundamentali, iżid il-konnettività diġitali sigura u universali u ċ-ċibersigurtà, jappoġġa internet liberu, miftuħ u affidabbli, jippromwovi l-konverġenza tal-politika diġitali u l-ġheluq tad-distakki diġitali, mhux l-inqas id-distakk diġitali bejn il-ġeneri, u jrawwem l-iżvilupp u l-użu affidabbli tal-intelliġenza artifiċjali. Dawn l-oqsma ta' azzjoni huma indirizzati mill-Alleanza Diġitali UE-ALK, li tibqa' miftuħa għall-pajjiżi kollha interessati tal-ALK abbażi ta' valuri kondiviżi, u fid-Dikjarazzjoni Konġunta tagħha ta' Lulju 2023. Il-Kunsill jilqa' l-ewwel Djalogu ta' Politika Bireġjonali UE-ALK dwar Kwistjonijiet Diġitali f'Novembru 2023 bħala pass importanti. Biex tippromwovi l-implimentazzjoni tal-Alleanza Diġitali UE-ALK, l-UE ser taħdem f'Tim Ewropa bl-użu wkoll ta' Ċentru Digital4Development (D4D Hub). Il-Kunsill jistenna b'interess l-inawgurazzjoni ta' ċentru reġjonali Copernicus fil-Panama u l-espansjoni tal-kejbil tal-fibra ottika BELLA, li jibni konnettività diġitali ewlenija sigura.

15. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza attribwita miż-żewġ reġjuni lill-ġustizzja soċjali u jirrakkomanda li tiżdied il-ħidma konġunta għall-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-indirizzar tal-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi, kif ukoll il-prevenzjoni u l-qerda tal-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, inkluż meta sseħħ permezz tal-użu tat-teknoloġija jew tiġi ffaċilitata minnha. Barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jsir progress fit-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa u li jiġi ffaċilitat it-tkabbir inklużiv li jindirizza l-ħtiġijiet differenti u jipprovdi opportunitajiet indaqs għaż-żgħażaġh, il-popli indiġeni, il-persuni ta' dixxendenza Afrikana, il-persuni LGBTI, il-persuni akbar fl-età u l-persuni b'diżabbiltà. L-UE tinsab lesta li tavvanza l-ħidma fuq is-sħubija bireġjonali dwar ir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa u l-manifattura lokali tal-vaċċini, kif ukoll l-Inizjattiva reġjonali ta' Tim Ewropa dwar soċjetajiet inklużivi u ugwali. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa għal parteċipazzjoni wiesgħa fit-tweqqif tal-ġustizzja soċjali u jissottolinja l-importanza tal-partiċipazzjoni u l-konsultazzjoni tas-soċjetà ċivili fis-setturi kollha.

16. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' sforzi kontinwi ta' appoġġ u promozzjoni biex jiġu indirizzati kriżijiet umanitarji li għandhom impatt fuq l-ALK. Filwaqt li tirrikonoxxi li r-reġjun tal-ALK huwa wieħed mir-reġjuni l-aktar esposti għad-diżastri naturali, l-UE tilqa' ż-żieda fil-kooperazzjoni ġenerali fil-qasam tat-tħejjija għad-diżastri u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, kif ukoll l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-UE u r-reġjun tal-ALK, li għandu jiġi fformalizzat permezz ta' Memorandum ta' Qbil dwar dawk il-kwistjonijiet bejn l-UE u l-korpi intergovernattivi reġjonali u l-pajjiżi rilevanti fl-ALK.

17. Il-Kunsill jappella għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-UE u l-ALK dwar il-ġustizzja u s-sigurtà fil-livelli kollha bħala kwistjoni ta' prijetà biex jiġu indirizzati d-diversi sfidi u dejjem aktar sinifikanti maħluqa mill-kriminalità organizzata tranżnazzjonali li jħallu impatt negattiv fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku. Dawn jinkludu networks kriminali ta' riskju għoli, drogi, armi tan-nar u traffikar tal-bnedmin, kif ukoll il-korruzzjoni, il-kriminalità finanzjarja u ambjentali, it-theddid ibridu, inkluż iċ-ċiberkriminalità, id-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni u l-interferenza tal-informazzjoni barranija. Filwaqt li tibni fuq il-ħidma konġunta ta' suċċess fis-sħubija UE-ALK dwar il-Ġustizzja u s-Sigurtà u b'kont meħud tad-dikjarazzjoni UE-CLASI (Kumitat Latin-Amerikan għas-Sigurtà Interna) tat-28 ta' Settembru 2023, u l-fażi II ambizzjuża tal-programm EL PACCTO, l-Inizjattiva ta' Tim Ewropa dwar is-Sigurtà u l-Ġustizzja għandha tiġi żviluppata aktar. Meta jitqies l-approċċ aktar olistiku li qed jieħdu l-pajjiżi tal-ALK biex jindirizzaw l-isfidi tas-sigurtà, l-UE hija impenjata li żżid il-kooperazzjoni mas-sħab tal-ALK fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali, abbażi tal-istat tad-dritt u livell għoli ta' protezzjoni għad-drittijiet fundamentali, l-indirizzar tal-motivaturi tal-profitt, it-tnaqqis tal-provvista u d-domanda għad-drogi, il-prevenzjoni tal-kriminalità, kif ukoll il-promozzjoni tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali u standards komuni. Il-Kunsill jistenna b'interess il-laqgħa ta' livell għoli li jmiss tal-Mekkaniżmu ta' Koordinazzjoni u Kooperazzjoni UE-CELAC dwar id-Drogi fl-2024.

18. Dwar is-sigurtà u d-difiża, il-Kunsill jilqa' l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi tal-ALK fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) tal-UE, jinkoraġġixxi aktar attivitajiet konġunti, bħal fil-kuntest tal-Preżenzi Marittimi Koordinati tal-UE fil-Golf tal-Guinea, kif ukoll djalogu msaħħaħ mas-sħab tal-ALK dwar kwistjonijiet tal-PSDK, bħad-djalogi mal-Kolombja u maċ-Ċili.

19. Filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol kritiku tar-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu indirizzati sfidi komuni, bħat-tranżizzjoni doppja, is-saħħa globali, u oqsma prijoritarji oħra, il-Kunsill jappella għall-kontinwazzjoni u t-tiżiħ tad-djalogu bireġjonali permezz tal-Inizjattiva Konġunta UE-CELAC dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (R&I) billi jaġġorna l-pjan direzzjonali strateġiku tar-R&I inkluż dwar il-parti tax-xjenza miftuħa u t-tiżiħ tar-rwol taċ-ċentri ta' riċerka. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza li tiżdied il-kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni għolja li tippermetti lill-istudenti, lill-persunal akkademiku u lir-riċerkaturi miż-żewġ reġjuni jibbenefikaw minn mobbiltà u opportunitajiet simili u jenfasizza li l-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej jistgħu jkunu sħab rilevanti biex tiġi żviluppata aktar kooperazzjoni mal-kontropartijiet tas-CELAC, filwaqt li jibnu fuq l-opportunitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali disponibbli. Il-Kunsill jenfasizza li l-inizjattivi bejn il-persuni għandhom jibqgħu fiċ-ċentru tas-sħubija UE-ALK u jappella lis-sħab kollha biex jużaw bis-sħiħ l-opportunitajiet mogħtija minn Erasmus+ u l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie ta' Orizzont Ewropa.

20. Filwaqt li jilqa' d-diskussjonijiet fil-Forum UE-ALK "Sħab fil-Bidla" inkluż iż-żgħażaġħ, is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali, u d-Diskussjoni Madwar Mejda dwar in-Negożju organizzata qabel is-Summit, u filwaqt li jieħu nota tar-rakkomandazzjonijiet tagħhom, il-Kunsill jirrikonoxxi l-kontribut importanti li qed tagħti s-soċjetà ċivili lis-sħubija bireġjonali u jappella għall-approfondiment u l-istrutturar tad-djalogu maż-żgħażaġħ, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, is-settur privat, it-trade unions u l-awtoritajiet lokali. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' involviment sħiħ tas-soċjetà ċivili u ż-żgħażaġħ fid-dimensjonijiet kollha tas-sħubija mal-ALK. Il-Kunsill jilqa' u jappoġġa r-rwol attiv li għandhom l-Assemblea Parlamentari Ewro-Latino-Amerikana (EuroLat), il-Fondazzjoni Internazzjonali UE-ALK kif ukoll il-gruppi ta' riflessjoni u l-akkademja. L-isforzi tad-diplomazija pubblika tal-UE, id-diplomazija kulturali u l-promozzjoni tar-relazzjonijiet kulturali UE-ALK huma wkoll prijoritajiet importanti. F'dan ir-rigward, il-parteeipazzjoni għall-ewwel darba tal-UE bħala mistiedna speċjali fil-Fiera Internazzjonali tal-Ktieb fi Guadalajara, il-Messiku, mill-25 ta' Novembru sat-3 ta' Diċembru 2023, ser tkun pass importanti.